MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 243/2012

Il-Pulizija
(Supt. Martin Sammut)
vs
**Josef Ageli**
iben Farag Erhoma, imwieled Pieta' fl-24 ta' Jannar, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 88280(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Josef Ageli, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Jannar, 2003, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu, gewwa l-lukanda Corinthia San Gorg, San Giljan, gewwa l-parti maghrufa bhala Duke's Bar, u/jew fil-vicinanzi:
1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Karl Josef Bonello, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ diversi oggetti, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan ghad-dannu tal-lukanda Corinthia San Gorg, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti jogħogobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :
a.tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u illiberatu minnha;
b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat mhux hati tal-
ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha u minflok ghar-ragunijiet fuq premessi issib lill-imputat appellat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skont il-Ligi ghar-reati addebitati lilu fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali, u cioe':-

Illi fit-8 ta' Mejju 2012 l-Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia, ghamlet enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet numru wiehed u tlieta migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell, inter alia, ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament, l-esponent jiddikjara li dan l-appell huwa limitat ghall-liberazzjoni tal-imputat appellat rnill-ewwel imputazzjoni li tikkoncerna feriti ta' natura gravi fuq Karl Josef Bonello u t-tielet imputazzjoni li tikkoncerna l-ksur tal-bon ordni jew tal-paci pubblika.

Jigi umilment sottomess illi l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni raggunta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hija rizultat ta' enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jippruvaw l-kaz odjern oltre kull dubbju dettat mir-raguni u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Fl-ewwel lok, il-Qorti stess fis-sentenza taghha rriteniet illi *"certament Josef Ageli gie identifikat minn zewg xhieda bhala l-persuna li tefa' tazza u fera b'mod gravi lil KalrJosef Bonello."* Illi l-istess Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tat-tfajla ta' Karl Josef Bonello, Daphne Camilleri li *"gharfet lill-istess Ageli mill-qmis li kien liebes li kellha fuqha miktub kliem kbar "Dolce Gabbana" (ezebit bhala Dok MS, ritratti juru dan). Qalet illi gharfet lill-imputat mill-ewwel u li hu pprova jitlaq minn hemm. Identifikatu fil-party mill-qmis imsemmija. Dwar il-fatt illi ratu jitfa' t-tazza kienet certa mija fil-mija."* Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Annalise Camilleri, li hija t-tieni xhud li identifikat lill-imputat, li ukoll xehdet li *"rat lil Josef jitfa' tazza lil Karl Bonello li laqtitu f'wiccu. Qalet illi saret taf x'kien jismu meta marru l-Isptar u ltaqghet mieghu. Gharfitu bhala l-persuna li tefa' t-tazza lil Karl u bhala l-imputat."*

Illi madanakollu, il-Qorti tal-Magistrati rriteniet illi *"Jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-imputat u dik ta' l-gharusa tieghu, kif ukoll mill-istaff tal-Corinthia u l-pulizija li marru fuq il-post, li din ma kinitx biss kwistjoni ta' tfiegh ta' tazza, pero hawn fil-fatt inqalghet glieda sostanzjali, tant illi gie kkonstatat diversi ksur ta' tazzi u ash trays ma' l-art, allura hgieg.*
*Ghalkemm ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Analise Camilleri qalet illi fil-party kien hemm biss hamsin ruh, xhieda ohra qalu li kien hemm xi 400 jew 500 ruh.*

*Illi certament f'ammont daqshekk kbir ta' nies, anke jekk il-qmis ta' l-imputat kienet distingwibbli, difficli wiehed jasal biex jidentifika min ghamel xiex, anke in vista' tal-fatt illi jidher li nqalghet rissa cara.*

*In vista' ta' hekk, din il-Qorti tqis illi ma ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill- imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu".*

Illi mill-konsiderazzjonijiet sucitati, jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati waslet ghal kokluzjoni li tillbera lill-imputat ghaliex hija rriteniet illi din ma kinetx biss kwistjoni ta' tfiegh ta' tazza, izda li kienet inqalghet glieda sostanzjali u li ghalhekk f' ammont kbir ta' nies, anke jekk il-qmis tal-imputat kienet distingwibbli, difficli wiehed jasal biex jiddentifika min ghamel xiex, anke in vista tal-fatt illi jidher li nqalghet rissa cara. Illi l-esponent bir-rispett ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

(i) Illi mix-xhieda ta' Karl Bonello (a fol 24), Daphne Carnilleri (a fol 29) u Annalisa Carnilleri (a fol 47), jirrizulta li fil-hin tal-incident ma kien hemm l-ebda glieda. Karl Bonello jixhed li ghal habta tas-1.30 a.m. jew is-1.15 a.m. wara l-countdown huwa kien qed jizfen mat-tfajla tieghu u kien qala' daqqa ta' hgiega fuq wiccu. L-istess verzjoni giet korraborata mit-tfajla tieghu Daphne Camilleri, li tghid ukoll meta mistoqsija in kontro-ezami li hija ma rat l-ebda glieda. Tghid ukoll li wara li Karl mar l-isptar taf li sar xi tkissir pero' huma diga' kienu l-isptar dak il-hin. Din il-verzjoni ta' fatti hija korraborata wkoll minn Annalisa Camilleri li tghid li l-incident gara wara l-countdown qisu ghal xis-1.00 a.m. u li tghid ukoll li hija ma ratx glied.

(ii) Illi l-esponent jissottometti li ghalkemm huwa minnu li mix-xhieda tal-pulizija li marru fuq il-post u tal-istaff tal-Corinthia jirrizulta li verament inqalghet glieda, mir-rapport tal-pulizija ezebit a fol 44 jirrizulta li l-hin tal-incident li dwaru huma gew msejjha fuq il-post kien is-2.30 a.m. jigifieri ferm wara l-hin tal-incident li tkellmu dwaru it-tliet xhieda appena citati. Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li hija aktar

verosimili l-verzjoni tat-tliet xhieda appena citati (milli dik tal-imputat u tax-xhud in difesa) illi l-glieda nqalghet wara l-hin tal-incident in kwistjoni.

(ii) Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li fic-cirkostanzi tal-kaz u specjalment in vista tal-fatt illi hemm zewg xhieda okkulari li identifikaw lill-imputat anke permezz ta' ritratti bhala l-persuna li kien tefa' t-tazza lejn Karl Bonello, il-Qorti tal-Magistrati kellha ssib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Illi f'dan ir-rigward l-esponent jirrileva wkoll li r-ritratti mmarkati bhala Dok MS u Dok MS1 li tixhed dwarhom Daphne Camilleri u li kienu gew ezebiti a fol 91 tal-process ma kinux fil-process meta l-istess wasal ghand l-esponent sabiex issir l-evalwazzjoni mehtiega. Illi madanakollu l-Qorti tal-Magistrati stess fis-sentenza taghha kienet immarkat illi l-istess ritratti juru lill-istess imputat liebes il-qmis li kellha fuqha miktub kliem kbar "Dolce Gabbana", liema qmis ghamlet referenza ghaliha l-istess xhud.

Illi fid-dawl ta' dak fuq suespost, l-esponent itenni li meta wiehed janalizza fid-dettal il-provi imressqa f'dan il-kaz, u jaghrbel l-istess provi jsib li fil-kaz in ezami, legalment u ragonevolment l-imputat appellat kellu jigi misjub hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi migjuba kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, l-appellat permezz tal-avukat tieghu eccepixxa n-nullita' tal-appell minhabba l-fatt li fl-appell gie ndikat li l-Avukat Generali rcieva l-atti fit-8 ta' Mejju, 2012 u l-appell gie prezentat fil-21 ta' Mejju, 2012 – jigifieri gurnata wara z-zmien stipulat skont l-artikolu 417(1) tal-

kodici Kriminali. L-Avukat Generali min-naha tieghu gibed l-attenzjoni tal-Qorti a fol 140 tal-process minn fejn jirrizulta mit-timbru ta' l-istess officcju, li l-Avukat Generali rcieva l-appell fid-9 ta' Mejju, 2012. Dan ifisser li hemm diskrepanza ta' gurnata skont l-appellat u dan hu terminu fatali li jgib in-nullita' tal-appell tal-Avukat Generali.

Illi mill-ezami tal-atti jirrizulta minghajr ebda dubju li l-appell wasal ghand l-Avukat Generali fid-9 ta' Mejju, 2012. Hemm it-timbru ta' l-officcju tieghu kif ukoll f'ras il-fol 140 hemm firma u id-data tad-9 ta' mejju, 2012 li jattestaw li l-atti waslu ghandu dak in-nhar. Hu veru li fir-rikors hemm indikata d-data tat-8 ta' Mejju, 2012 izda hu ovvju li dan hu zball tal-kitba u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-appellat hi respinta.

Illi l-appellat eccepixxa ulterjorment li l-Avukat Generali rredigja l-appell tieghu fuq l-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kodici Kriminali. L-appellat isostni li dan l-artikolu tal-ligi ma jezistix u ghalhekk l-appell hu null. Min-naha tieghu l-Avukat Generali jikkontendi li hemm neieqsa 'comma' u il-kelma 'u' fl-artikolu citat.

Illi fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali hemm tlett elementi li r-rikors jrid ikollu biex dn ikun validu. Ir-rikors irid jelenka l-fatti fil-qosor. It-tieni, ir-raguni ghala l-parti qed tappella u fit-tielet lok it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi meta jaqra r-rikors in ezami wiehed isib li t-tlett elementi huma prezenti f'dan ir-rikors. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda zball fic-citazzjoni tal-artikolu de quo ma taqbel xejn mat-tezi tal-appellat. Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni tal-appellat hi respinta.

Illi jonqos li jigi analizzat il-meritu ta' dan l-appell. Kif jirrizulta mir-rikors promoter, l-Avukat Generali qed jikkontendi li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjonijiet taghha ghaliex ghamel enunzjazzjoni zbaljata tal-provi migjuba.

Illi minn analizi tal-provi jirrizulta li hemm zewg versjonijiet ta’ kif graw il-fatti. Hemm min raha lill-appellat iwaddab tazza u hemm min qal li ma rahtx iwaddab tazza. Apparti l-fatt li l-appelllat cahad li hu f’ebda hin ma waddab ebda tazza.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Christian Mizzi deciza fl-4 ta’ Novembru, 2013; kollha appelli kriminali.

Illi skont sentenza ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Lulju, 1999 fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef et”: ‘huwa ben saput li huwa ferm rari li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet dik il-Qorti, u tasal biex tirrimpjazza l-apprezzament taghha tal-fatti ghal dak maghmul mill-ewwel Qorti fil-kazijiet biss fejn ikun ferm evidenti ghaliha

li a bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti hi ma setghatx ragonevolment u legalment tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li tkun waslet ghalihom.'

Illi fil-kaz in ezami hemm zewg versjonijiet tal-fatti u l-ewwel Qorti legalment u ragonevolment setghet tasal ghall-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------